Kunsill Ewropew

**Brussell, 25 ta' Novembru 2018**
**(OR. en)**

**EUCO XT 20015/18**

**BXT 110**
**CO EUR 27**
**CONCL 8**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Delegazzjonijiet |
| Suġġett: | Laqgħa Straordinarja tal-Kunsill Ewropew (Art. 50) (25 ta' Novembru 2018) - Konklużjonijiet |

Id-delegazzjonijiet[1] isibu mehmuż il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew (Art.50) fil-laqgħa ta' hawn fuq.

---

[1] Wara notifika skont l-Artikolu 50 TUE, il-membru tal-Kunsill Ewropew li jirrappreżenta lill-Istat Membru li ħiereġ ma għandux jipparteċipa fid-diskussjonijiet tal-Kunsill Ewropew jew f'deċiżjonijiet li jikkonċernawh.

1. Il-Kunsill Ewropew japprova l-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u tal-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika. Fuq din il-bażi, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jieħdu l-passi meħtieġa biex jiżguraw li l-ftehim ikun jista' jidħol fis-seħħ fit-30 ta' Marzu 2019, sabiex ikun previst ħruġ ordnat.

2. Il-Kunsill Ewropew japprova d-Dikjarazzjoni Politika li tistabbilixxi l-qafas għar-relazzjoni futura bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u tal-Irlanda ta' Fuq. Il-Kunsill Ewropew jiddikjara mill-ġdid li l-Unjoni hija determinata li fil-futur ikollha sħubija kemm jista' jkun possibbli mill-qrib mar-Renju Unit f'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika. L-approċċ tal-Unjoni ser ikompli jiġi definit mill-pożizzjonijiet u l-prinċipji ġenerali stabbiliti fil-linji gwida tal-Kunsill Ewropew miftehma preċedentement. Il-Kunsill Ewropew ser jibqa' impenjat b'mod permanenti bil-kwistjoni.

3. Il-Kunsill Ewropew jirringrazzja lil Michel Barnier għall-isforzi bla heda tiegħu bħala kap negozjatur tal-Unjoni u għall-kontribut tiegħu biex tinżamm l-għaqda bejn l-Istati Membri tal-UE27 matul in-negozjati dwar il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea.